MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 106/2008

**Alan Spiteri u Mariona Spiteri**

**Vs**

**Mark Cuschieri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Alan Spiteri u Mariona Spiteri fid-29 ta’ Frar 2008 permezz ta’ liema jitolbu li Mark Cuschieri jigi kkundannat ihallashom is-somma ta’ hamest elef mitejn u tmien Euro (€5,208) rapprezentanti hlas professjonali u spejjez rigwardanti tiswijiet teknici fuq makkinarju f’gymnasium, bl-imghax dekoribbli sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra Mark Cuschieri;

Rat ir-Risposta ta’ Mark Cuschieri permezz ta’ liema jopponi ghat-talba ta’ l-atturi stante li: (i) in linea preliminari ma huwiex il-legittimu kontradittur ta’ l-atturi; (ii) l-attur ma wettaqx ix-xoghol li gie imqabbad biex jaghmel skond is-sengha u l-arti tant illi l-makkinarju li suppost

sewwa ghadu bil-hsara; (iii) is-somma pretiza hi fi kwalunkwe kaz ezagerata; u (iv) il-kawza odjerna hija intempestiva stante li l-atturi qatt ma interpellawh ghall-hlas;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tat-18 ta' Novembru 2008[1], ta' l-24 ta' Novembru 2009[2], ta' l-1 ta' Frar 2010[3] u tal-25 ta' Frar 2010[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "AS1" sa' Dok. "AS4" a fol. 17 sa' 25 tal-process, id-dokumenti markati Dok. "AS1" u Dok. "AS2" a fol. 37 u 38 tal-process u id-dokument markat Dok. "AS3" a fol. 42 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tal-25 ta' Frar 2010[5] u tat-23 ta' Mejju 2011[6], u semghet ix-xhieda ta' Sue Desira moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2010[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-atturi ipprezentata fid-9 ta' Settembru 2011 u rat in-Nota Responsiva tal-konvenut ipprezentata fil-5 ta' Ottubru 2011;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-atturi jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' €5,208 rapprezentanti hlas professjonali u spejjez rigwardanti tiswijiet teknici fuq makkinarju ta' gymnasium. Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici b'diversi eccezzjonijiet fosthom bl-eccezzjoni preliminari li ma huwiex il-legittimu kontradittur ta' l-atturi. Fil-fehma tal-Qorti hija proprio din l-eccezzjoni li ghandha tigi indirizzata l-ewwel qabel kollox.

Ghalkemm il-konvenut jeccepixxi li ma huwiex il-legittimu kontradittur ta' l-atturi, huwa naqas milli jressaq prova sodisfacenti in sostenn ta' tali eccezzjoni anzi, meta

---

1 Fol. 12 sa' 16 tal-process.
2 Fol. 33 sa' 35 tal-process.
3 Fol. 39 u 40 tal-process.
4 Fol. 43 sa' 45 tal-process.
5 Fol. 46 sa' 48 tal-process.
6 Fol. 61 sa' 63 tal-process.
7 Fol. 49 sa' 51 tal-process.

xehed in ezami waqt is-seduta tal-25 ta’ Frar 2010[8] iddikjara li *r-relazzjoni lavorattiva bejni u l-attur*[9] *kienet ilha ghaddejja diversi snin u matul is-snin qatt ma kellna problemi. Xogholu ghalija*[10] *kien ta’ technician fuq il-magni u l-equipment li ghandi fil-gyms tieghi* u waqt is-seduta tat-23 ta’ Mejju 2011[11] in kontro-ezami iddikjara li *l-attur gieli inkarigajtu biex jaghmilli*[12] *xi xoghlijiet fuq l-equipment tal-gym meta jkollu xi hsarat*. Minn din ix-xhieda huwa ferm evidenti li l-konvenut jirrikonoxxi li r-relazzjoni guridika u kontrattwali pertinenti ghax-xoghlijiet ta’ riparazzjoni teknika esegwiti mill-attur kienet direttament bejnu u l-attur u hadd izjed.

Apparte dak li kjarament jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li l-istess konvenut naqas kompletament milli jittratta dwar din l-eccezzjoni partikolari fin-Nota Responsiva tieghu. Fil-fehma tal-Qorti tali nuqqas ma jista’ jfisser xejn iktar hlief li l-konvenut gharaf l-infondatezza ta’ l-eccezzjoni preliminari minnu sollevata in opposizzjoni ghat-talba attrici b'dana li kwalunkwe sottomissjoni fir-rigward ta' l-istess tkun ghal kollox inutili u superfluwa.

Fic-cirkostanzi ghalhekk huwa ferm evidenti li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda.

Sorvolata din l-eccezzjoni jehtieg issa li tigi trattata t-talba attrici fil-meritu.

L-atturi jippretendu l-konvenut ghandu jhallashom is-somma ta’ €5,208 rapprezentanti l-valur ta’ servizzi professjonali u spejjez rigwardanti tiswijiet teknici li l-attur Alan Spiteri ppresta u ghamel fir-rigward ta’ makkinarju ta’ gymnasium fuq inkarigu tal-konvenut. In sostenn ta’ din it-talba xehed Alan Spiteri li spjega l-mod kif kien jahdem ghal u mal-konvenut u anke l-mod kif kien izomm rendikont tax-xoghol li kien jaghmel u spejjez li kien

[8] Fol. 46 sa’ 48 tal-process.
[9] Sottolinear tal-Qorti.
[10] Sottolinear tal-Qorti.
[11] Fol. 61 sa’ 63 tal-process.
[12] Sottolinear tal-Qorti.

jinkorri u kif in segwitu kien johrog il-fatturi ghall-hlas[13]. Alan Spiteri pprezenta wkoll il-fatturi li ghadhom pendenti, ossia baqghu ma thalssux mill-konvenut – Dok. "AS1" a fol. 19 sa' 21 tal-process - kif ukoll il-kotba tal-*job sheets* rigward it-tiswijiet esegwiti fuq inkarigu tal-konvenut – Dok. "AS1" u Dok. "AS2" a fol. 37 u 38 tal-process.

Il-konvenut jikkontendi li ebda hlas ma huwa dovut lill-atturi stante li Alan Spiteri ma wettaqx ix-xoghol li gie imqabbad biex jaghmel skond is-sengha u l-arti tant illi l-makkinarju li suppost sewwa ghadu bil-hsara[14] u fi kwalunkwe kaz is-somma pretiza hija ezagerata[15].

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2010[16] il-konvenut iddikjara li l-problema li kellu ma' l-attur kienet rigward *ghaxar treadmills ta' ditti mhalltin fejn jiena kelli problemi bil-muturi ta' dawn it-treadmills. Is-suggeriment ta' l-attur kien li nordnaw muturi godda ghal dawn l-ghaxar treadmills u suppost kollox ikun sew. Jiena fuq specifications li kien tani l-istess attur kont ordnajt ghaxar muturi ghal dawn it-treadmills minghand it-Tip Top. L-ordni kont ghamiltu jiena, però nerga' nghid fuq specifications li tani l-attur. Meta però twahhlu l-muturi fuq it-treadmills in kwistjoni, t-treadmills xorta ma bdewx jahdmu sew ghar-raguni li kif bdew jinxteghlu t-treadmills bdew itiru l-cards u din kienet skond jiena r-raguni li l-mutur kien qawwi wisq ghat-treadmill in kwistjoni. Jiena kont infaqt madwar hames mitt lira Maltin ghal dawn l-ghaxar muturi u kont infaqt dan il-valur ghaliex tat-Tip Top kienu tawni discount sostanzjali talli kont xtrajt ammont kbir ta' magni. L-attur kien jigi biex jipprova jsewwi dawn it-treadmills, izda kollox kien ghalxejn ghax kull darba ittir il-card. Kien hemm perijodu ta' sitt xhur fejn l-attur ma kellu l-ebda forma ta' kuntatt mieghi u ghalkemm ippruvajt inkellmu xorta ma kienx ikolli kuntatt. Fl-ahhar spiccajt biex kelli nqabbad technician iehor biex jarali dawn it-treadmills. Anzi rrid nippreciza li meta jiena kont inkellem lill-atturi, anke tul dawn is-sitt xhur, kien jghidli 'isma' jiena*

---

13 Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2008, fol. 12 sa' 16 tal-process.
14 It-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut.
15 It-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut.
16 Fol. 46 sa' 48 tal-process.

*se nbiddel ix-xoghol, allura ma nsitax nigi'. Jiena ghalija sa' dak il-perijodu r-relazzjonijiet bejnietna kienu ghadhom tajbin. Ghalkemm jiena qabbadt technician gdid biex jahdimli l-gym tieghi dawn l-ghaxar treadmills partikolari ma setax isewwihom ghar-raguni li l-cards taghhom kienu kollha fil-pussess ta' l-attur u ghadhom fil-pussess tieghu sa' llum. Jiena rrid nghid li dawn il-cards ma stajtx nitlobhom lura minghand l-attur ghaliex ftit xhur wara nfethu dawn il-proceduri kontrija. Irrid nghid ukoll li darba minnhom gie l-attur il-gym u ra t-technician il-gdid u kif ra t-technician il-gdid hemmhekk kien qabad u pprezentani b'hames invoices, li jiena nghid il-verità hadt qata' bihom meta rajthom ghaliex ma kontx naf bihom. Jiena l-invoices in kwistjoni nerga' nghid li ma kontx naf bihom u fil-fatt kont sorpriz meta pprezentani bihom. Il-maggiorparti ta' dan ix-xoghol f'dawn l-invoices huwa fuq it-treadmills li qed nghid li sa' llum ghadhom mhux qed jahdmu u allura ladarba dawn ma ssewwewx jiena ma nhallasx. Nerga' nghid li kieku dawn l-invoices kienu dovuti tul dawn is-sitt xhur li semmejt qabel meta kont nikkomunika ma' l-attur, zgur li kien isemmihomli, izda ma semmihomli qatt. Jiena irrid nghid li meta nqala' l-problema bil-muturi fuq it-treadmills kont anke kellimt lil tat-Tip Top u fil-fatt kien inqala' argument ma' tat-Tip Top u minflok elf Lira dawn il-muturi kienu tawhomli hames mitt Lira Maltin. Jiena nerga' nghid li l-muturi li xtrajna minghand it-Tip Top ghat-treadmills gew ikbar mis-sahha tal-card li kellha l-istess treadmill. Meta nqalghet il-problema bil-cards u l-muturi tat-treadmills, meta dawn il-muturi gew mibdula jiena ghall-ewwel lit-Tip Top ma kontx hallastu l-bilanc li kien dovut u t-Tip Top kien fetah kawza kontrija, izda sussegwentement din il-kawza giet ceduta.*

L-attur jichad li huwa ma wettaqx ix-xoghol tieghu skond is-sengha u l-arti u fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2008[17] spjega x'kienet is-sitwazzjoni rigwardanti l-ghaxar treadmills li kienu jaghtu l-problemi u x'decizjoni ttiehdet fir-rigward u jikkontendi li ma kienx hemm raguni valida ghalfejn il-konvenut ma kienx qed ihallsu: *il-konvenut kien qalli li kien ser jixtri aktar*

[17] Fol. 12 sa' 16 tal-process.

*makkinarju però kien aktar inkwetat fuq it-treadmills li huma l-aktar makkinarju wzat u xtaq illi jiena nzomm ghajnejja fuqhom halli dawk jibqghu funzjonanti. Kien ghalhekk illi l-konvenut xtara ghaxar magni godda minghand it-Tip Top, liema magni huma tad-ditta Sports Star u ziedhom mal-kumplament illi kellu. Kull meta kien ikun hemm xi problema l-konvenut kien jibghat ghalija, kont immur nara x'inhi, nsewwiha w imbaghad fl-ahhar tax-xahar nohrog fattura. Gara illi dawn l-ahhar magni li xtara minghand it-Tip Top minkejja li kienu godda fjamanti bdew jaghtu problemi aktar milli wiehed kien qed jistenna illi jkollu minn magni godda. Kien ghalhekk illi jiena gejt f'kuntatt mat-Tip Top, bdejna niddiskutu l-punti teknici involuti u t-Tip Top ikunu f'kuntatt mal-fornituri taghhom mill-esteru halli nippruvaw insolvu l-problemi. Il-kumpanija estera ssuggeriet li jinbidlu l-muturi u jsiru aktar b'sahhithom u dawn gew suppliti. Jiena ftehimt mal-konvenut illi jibqa' juza' t-treadmills bil-magni li ghandhom u hekk kif tmur magna minnhom, li ma tkunx tista' tissewwa imbaghad tigi rimpjazzata b'magna gdida aktar potenti, u hekk kien qed jigri. Sadanittant jiena kont qieghed nixtri spare parts minghand it-Tip Top kemm ghal treadmills mixtrijin l-ahhar kif ukoll ghall-ohrajn illi kien hemm fil-post ta' l-istess ditta. Wara illi konna biddilna l-muturi tat-treadmills kollha xorta baqghu jaghtuna problemi, però b'mod differenti. Peress illi l-ispare parts kienu qed ikunu gholjin, allura gie deciz illi nzommu t-treadmills apparti u niehdu minnhom l-ispare parts. Almenu minnu ghaxra nzommu tmienja jahdmu. Certa zmien però t-Tip Top ma baqghetx taghtini aktar spare parts il-ghaliex kellha xi kwistjoni tal-hlas mal-konvenut u kienet qaltli li qeghdin il-Qorti. Jiena spjegajt is-sitwazzjoni lill-konvenut illi ma kienx partikolarment inkwetat u tani zewg indirizzi l-Ingilterra u qalli biex nikkomunika maghhom peress illi huwa kien jafhom u kienu f'posizzjoni li jissupplixxu spare parts ghat-treadmills u jiena hekk ghamilt. Ghall-ewwel ghal dak li jirrigwarda l-hlas tieghi ma kellix problemi, izda f'Ottubru 2006 il-konvenut beda jaqa' lura fil-pagamenti u baqa' sejjer hekk sa' Marzu ta' 2007. Però jiena ma waqqaftx is-servizzi tieghi mal-ewwel. Minkejja dan kull meta kien icempilli xorta kont immur ghandu u nsewwilu l-magni u kull xahar kont*

*nohrog il-fattura. Ix-xoghol mhux dejjem kien ikun ordnat direttament mill-konvenut u gieli sar mill-persuna responsabbli mill-gym dakinhar, ghalhekk kellna sistema ta’ notamenti in triplicate fejn jiena kont inhalli kopja tax-xoghol rikjest fil-gym, inzomm wahda jien u wahda ghall-konvenut. Il-fatturi kont nibghathom il-gym ta’ Hal Qormi ghax hemm kellu l-ufficju principali tieghu u kont ukoll nithallas minn hemm. Ghall-habta ta’ Marzu tat-2007 wara li konna ilna ghaddejjin xi sitt xhur bil-pagamenti lura, jiena ghidt lill-konvenut illi kont se nieqaf nixtri spare parts jekk ma jhallasnix peress illi dawn kont qed nohroghom minn buti u kont qed niekol minn gewwa. Darba minnhom iltqajt mal-konvenut u dan qalli li kien sejjer ihallasni. Qatt ma cahhadni minn flusi però qalli li kien hemm xi erba’ magni fil-gym tal-Cottonera li xtaq jirranga. Qalli biex nirrangahom u jhallasni ta’ kollox. Mort f’dak il-gym u sibt illi dawn il-magni kienu dawk illi konna ftiehmna fil-bidu nett illi nikkanabilizzaw ghall-ispares halli nzommu l-ohrajn jahdmu. Ovvjament dawn l-erba’ kienu beyond repair u rrealizzajt li l-konvenut kien qieghed jghaddini biz-zmien u ddecidejt imbaghad illi nfittex id-dritt tieghi b’mezz legali*.

Huwa evidenti li l-Qorti ghandha quddiemha zewg versjonijiet opposti ghal xulxin fejn l-attur jsostni li ghandu jithallas ghaliex wettaq ix-xoghol minnu rikjest filwaqt li l-konvenut jikkontendi li l-hlas mhux dovut ghaliex l-attur Alan Spiteri ma esegwix ix-xoghol lilu kummissjonat skond is-sengha u l-arti. Mill-provi prodotti però jirrizulta li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur Alan Spiteri hija ferm iktar kredibbli mill-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut li, in kontro-ezami addirittura ikkontradicja dak li huwa kien qal in ezami.

Ghalkemm in ezami l-konvenut iddikjara li huwa ma hallasx lill-attur ghas-servizzi professjonali prestati minnu ghaliex ma rnexxilux jsewwi numru ta’ treadmills li kienu qed jaghtu problemi w addirittura ordna muturi li kienu b’sahhithom wisq ghall-*cards* ta’ dawn l-istess treadmills bil-konsegwenza li baqghu ma hadmux, in kontro-ezami ddikjara li huwa ghadu ma hallasx lill-attur semplicement ghaliex l-istess attur allegatament zamm ghandu l-motherboards tat-treadmills minghajr liema ma jistghux

jahdmu u kemm-il darba dawn il-motherboards jigu ritornati lest li jhallas lill-attur: *irrid nippreciza illi jiena ma' l-attur m'ghandix kwistjoni li ma rridx inhallsu; li rrid huwa li jirritornali l-motherboards li kien hadli tat-treadmills li ma nistax nuza minhabba f'hekk u malli jirritorna dawn il-motherboards jiena lest li nhallsu. Mill-fatt li ghandi dawn it-treadmills weqfin qed nitlef aktar flus milli ghandi naghti lill-attur*[18]*.*

Apparte l-fatt li l-konvenut kjarament qed jaghti raguni differenti minn dik originarjament moghtija biex jiggustifika l-fatt li ma hallasx lill-attur dak lilu dovut, il-Qorti difficilment tista' tqis dak affermat mill-konvenut in kontro-ezami bhala veritier u li jiggustifika n-nuqqas ta' hlas lill-atturi. Fil-fehma tal-Qorti in fatti huwa piuttost inverosimili li l-konvenut, proprjetarju ta' gym fejn jintuzaw hafna t-treadmills, qatt ma ha ebda forma ta' passi kontra l-attur biex jirritornalu l-motherboards ta' treadmills allegatament mizmuma minnu, partikoarlment meta si tratta ta' ghaxar treadmills li ma jistghux jahdmu minhabba n-nuqqas tal-motherboards u meta, fi kliem il-konvenut stess, *mill-fatt li ghandi dawn it-treadmills weqfin qed nitlef aktar flus milli ghandi naghti lill-attur*, u jressaq tali allegazzjoni biss meta rinfaccjat b'azzjoni ghall-hlas wara numru konsiderevoli ta' xhur li matulhom dawn it-treadmills skontu ma kienux qed jahdmu.

Kontradizzjoni ohra li tirrizulta mill-kontro-ezami tal-konvenut hija dwar min effettivament issuggerielu li jbiddel il-muturi tat-treadmills ghall-fini li jigu risolti l-problemi li kienu qed jaghtuh u min qallu x'muturi kellu bzonn. Kif appena osservat l-konvenut in ezami ddikjara li kien l-attur li qallu biex ibiddel il-muturi tat-treadmills u kienu hu stess li tah l-*ispecifications* tal-muturi li kellu bzonn jixtri, liema *specifications* skond il-konvenut ma kienux tajbin ghaliex il-muturi gew b'sahhithom wisq ghall-*cards* tat-treadmills. Madanakollu però in kontro-ezami l-istess konvenut qal li kienu l-fornituri tat-*treadmills*, u cioè it-Tip Top, li ssuggerewlu li jbiddel il-muturi u kienu huma li fornewh b'tali muturi: *nikkonferma li fir-rigward ta' dawn l-ghaxar*

[18] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2011, fol. 61 sa' 63 tal-process.

*treadmills kont mort ghand it-Tip Top fejn spjegajtilhom il-problemi li kien qed ikolli u huma fil-fatt tawni muturi ohrajn biex jigu fitted f'dawn it-treadmills halli nippruvaw insolvu l-problema. Ghalkemm tawni dawn il-muturi l-problemi fit-treadmills xorta baqghu. Fir-rigward ta' dawn it-treadmills nghid li kienu qed jinqalghu problemi ohrajn*[19]*.* Din ix-xhieda in kontro-ezami mhux biss tikkontradici dak li l-konvenut kien iddikjara in ezami dwar min tah il-parir dwar dawn il-muturi, izda minnha jirrizulta li l-problema kienet iktar fit-treadmills infushom – tant illi l-konvenut stess ghal certu perijodu ta' zmien kien qed jirrifjuta li jhallas lit-Tip Top ghat-treadmills u l-muturi gew provduti lilu b'tnaqqis sostanzjali fil-prezz – milli b'rizultat ta' xoghol mhux skond is-sengha u l-arti da parte ta' l-attur.

L-attur stess jghid li meta t-treadmills baqghu jaghtu l-problemi kienet ittiehdet id-decizjoni li tlieta minnhom jittwarbu u jintuzaw biex jittiehdu l-ispare parts minnhom. Il-konvenut jichad li kien intlahaq tali ftehim u jikkontendi li t-treadmills li baqghu ma jahdmux kienu ghaxar u mhux tlieta kif affermat mill-attur. Madanakollu però mix-xhieda li tat Sue Desira, *gym fitness instructor* f'wiehed mill-gyms tal-konvenut, prodotta bhala xhud mill-istess konvenut, jirrizulta li t-treadmills li kienu qed jaghtu l-problemi kienu tlieta u mhux ghaxra u bhala fatt dawn it-treadmills, kuntrarjament ghal dak affermat mill-konvenut, kienu tnehhew mill-gym: *I do recall that at the Qormi gym there were three particular treadmills which were giving quite some trouble and they used to be in non-working conditions on consecutive occasions. I myself know that these treadmills were in non-working condition and in fact we used to have to switch them off and put a sign on them of 'out of order'. I must say that the faults that these treadmills developed were varied. Sometimes it used to be the carpet, other times it used to be the card and other times the motor and sometimes even fuses. As far as I recall these treadmills were eventually replaced by new treadmills and they were removed from the gym*[20]*.*

---

[19] *Ibid.*
[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2010, fol. 49 u 50 tal-process.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-konvenut ma rnexxilux jissosstanzja l-allegazzjoni tieghu li l-attur Alan Spiteri ma wettaqx ix-xoghol li tqabbad jaghmel skond is-sengha u l-arti, anzi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur wettaq l-inkarigu moghti lilu skond is-sengha u l-arti  u l-konvenut ma kellu u ghadu sa' llum ma ghandux raguni valida in bazi ghal liema jista' jirrifjuta li jhallas lill-attur. Fic-cirkostanzi ghalhekk it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda wkoll.

Kif già iktar 'l fuq osservat il-konvenut jeccepixxi wkoll li l-ammont pretiz mill-atturi huwa ezagerat, izda tul is-smigh tal-proceduri naqas milli jispjega kif u ghaliex iqis li l-istess huwa ezagerat. Madanakollu però il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li mill-fatturi esebiti mill-attur Alan Spiteri a fol. 17 sa' 21 tal-process, li fi kliemu stess huma *fatturi li ghandi pendenti mal-konvenut*[21], jirrizulta li l-ammont dovut huwa ta' €4,174.98 u mhux ta' €5,208 kif pretiz mill-atturi fir-Rikors promotur. B'hekk din l-eccezzjoni tal-konvenut tirrizulta gustifikata u l-pretensjoni attrici zgur ghandha tigi ridotta ghal €4,174.98, li kif osservat huwa l-ammont li jirrizulta dovut skond il-fatturi esebiti mill-attur stess.

Il-konvenut in fine jeccepixxi li l-kawza odjerna hija intempestiva peress illi l-attur qatt ma interpellah ghall-hlas u fin-Nota Responsiva tieghu jissottometti li *fl-inkartament processwali ma gietypprezentata l-ebda ittra, legali jew ufficjali, li tevidenzja talba da parti tar-rikorrent, qabel dawn il-proceduri, ghall-hlas pretiz minghand l-intimat. Hija din l-intempestività li titkellem dwarha r-raba' eccezzjoni; intempestività ta' eghmil illi minflok ma r-rikorrent imminimizza l-kwistjoni w avvanza b'mod formali, l-pretensjonijiet tieghu sabiex l-intimat ikun jista' jirregola l-posizzjoni tiehgu, minflok, l-istess rikorrenti qabad u ressaq talba giudizzjarja. Ghalhekk, l-intimat ma kellux alternattiva ohra illi juza l-istess metru mieghu wzat mir-rikorrent u jirribatti l-allegazzjonijiet minnu promossi b'dawn il-proceduri u li jikkontesta dak li kien qed javvanza kontrih ir-rikorrenti. Dan il-fatt ma jistax jghaddi*

[21] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2008, fol. 12 sa' 16 tal-process.

*inosservat minn din il-Qorti fl-emissjoni tas-sentenza u fl-ispartizzjoni ta' l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri. Kunsidrati, b'mod objettiv, il-fatti ta' din il-vertenza – akkompanjat mal-fatt li r-rikorrent qabad u ressaq kawza kontra l-intimat minghajr pre-avviz ragonveoli w idoneju – hija l-umili fehma ta' l-istess intimat, li ghandha tiskatta l-operatività ta' l-Artikolu 223(3) tal-Kodici Procedurali u, ghalhekk, din il-Qorti ghandha tordna li* ***__kull parti tbghati l-ispejjez taghha__***[22]*.*

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz però tali eccezzjoni hija ghal kollox inammissibbli ghaliex kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Atlas Insurance Agency Limited v. Sea Malta Company Limited et, Citaz. Nru. 1263/00** deciza fid-29 ta' Ottubru 2002, eccezzjoni ta' intempestività minhabba nuqqas ta' sejha ghall-hlas qabel ma tinfetah il-kawza ma hijiex ammissibbli ghaliex, hlief fil-kaz ta' kawzi kontra l-gvern u xi awtoritajiet pubblici ohra, ma hijiex mehtiega sejha ghall-hlas qabel il-kawza u eccezzjoni fis-sens li l-attur ghandu jigi akkollat l-ispejjez giudizzjarji – imqar in parti – ghax ma jkunx ghamel interpellazzjoni ghall-hlas qabel il-kawza ikollha meritu li kieku l-konvenut ammetta t-talbiet attrici u ghalhekk il-kawza tkun saret ghal xejn ghax kien jammetti qabel li kieku qabel il-kawza saritlu talba ghall-hlas. Ladarba izda saret kontestazzjoni, is-sejha ghall-hlas qabel il-kawza kienet xorta tkun saret ghal xejn u ghalhekk l-eccezzjoni dwar l-ispejjez ghandha tigi michuda.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm irrizulta li l-ammont attwalment dovut huwa inqas minn dak mitlub mill-atturi fir-Rikors promotur, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz xorta wahda ma jissussistux ragunijiet validi bizzejjed li ghandhom iwasslu lil din il-Qorti biex takkolla parti mill-ispejjez lill-atturi.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk huwa evidenti li r-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda wkoll.

[22] Para. 16 u 17 tan-Nota Responsiva tal-konvenut.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tilqa' it-tielet eccezzjoni tieghu u konsegwentement tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' €4,174.98 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' €4,174.98, bl-imghax legali dekoribbli mit-28 ta’ Marzu 2008, id-data tan-Notifika tar-Rikors promotur lill-konvenut, sad-data ta’ l-istess pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------